MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 133/2002

**Silvio Mario Rapa f'ismu propju u ghan nom tas-socjeta' Belmont Company Limited**

**vs**

**Emanuel Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi dikjarat responsabbli ghall-incident stradali illi gara fil-1 ta' Marzu 2002 fi Triq Xmun, Xlendi, limiti Munxar, Ghawdex bejn il-vettura KBA708 misjuqa minnek; u dik GRD222 misjuqa mill-attur Silvio Mario Rapa; u konsegwentement tigi kundannat thallas id-danni kollha sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-istess incident, ghal-liema incident tahti unikament inti minhabba illi ma osservajtx ir-regolamenti tat-traffiku u peress illi nvadejt il-karreggata tal-attur u ma

zammejtx id-dwal tal-vettura tieghek dipped, izda hallejthom bright.

Bl-interessi fuq din is-somma.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittri nterpellatorji tas-26 ta’ Gunju 2002 u tad-9 ta’ Lulju 2002, u dik l-ohra prezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah.”

Ra r-risposta:

“Il-konvenut jichad kwalunkwe responsabilita’ ghall-incident in kwistjoni li gara unikament tort ta’ l-attur li kien fi stat ta’ sonnolenza tali li ma kienx f’posizzjoni li jsuq il-vettura tieghu u dana anke kif ammetta hu stess dritt wara l-incident.

Salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.”

Ra l-kontro-talba:

“L-attur kien unikament responsabbli ghall-incident mertu tat-talba tieghu u per konsegwenza, il-konvenut soffra danni fis-somma ndikata li l-attur ghandu jigi kkundannat ihallas.

Bl-imghax mid-data ta’ l-incident sad-data tal-hlas.

Bl-ispejjez tal-prezenti.”

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Novembru 2002 li permezz tieghu il-partijiet ittransigew il-pendenza ta’ bejniethom u talbu sentenza a tenur tal-istess.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-atturi u l-konvenut kienu ugwalment responsabbli ghall-incident de quo u ghaldaqstant jilqa’ in parte t-talba tal-atturi billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ LM253.37c filwaqt li jilqa’ in parte l-kontro-talba tal-

konvenut billi jikkundanna lill-atturi ghall-hlas ta' LM163.72c.

Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur